FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA’ NHAR IT-13 TA’ NOVEMBRU 2001

PULIZIJA
SPETTUR PIO PISANI
SPETTUR ANGELO CARUANA
VS
LUCIANO VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Luciano Vella ta’ 28 sena bin Francis u Dolores nee Ebejer, imwieled B’Kara nhar is-17 ta’ Dicembru 1971 u joqghod Ruth, Triq it-Tabib Chetcuti, Mosta detentur ta’ karta tal-identita numru 534871M talli fil-Mosta nhar l-10 ta’ dicembru 1999, ghal habta ta’ 00.45am dolozament bla hsieb li jikkommetti delitt u cioe li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ persuna f’periklu car ucioe l-hajja ta’ huh Mark Vella mill-Mosta, residenti fl-istess indirizz, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu hall-esekuzzjoni tad-delitt, billi permezz ta’ strument li jaqta u bil-ponta (mus) ta’ daqqa lejn il-parti vitali tal-persuna ta’ huh Mark Vella, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta ta’ Luciano Vella.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, permezz ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta (mus) ikkaguna ferita ta’ natura gravi, liema ferita dahlet f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem ta’ Mark Vella, skond ma iccertifikaw Dr J Fenech MD., uDr Ernest Ellul MD ta’ l-isptar San Luqa.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, waqt li kien qieghed iwettaq delitt kontra l-persuna, kif wkoll aktar tard fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, ghal habta ta' 00.50am waqt li kien qieghed jigi arrestat ghall-ghemil ta' xi delitt, u cioe ghal tentattiv ta' omicidju u feriment gravi fuq il-persuna ta' huh Mark Vella mill-Mosta, kellu fil-pussess jew fuq il-persuna tieghu, arma regolari (mus).

Talli huwa sar ricediv, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kap 9, meta huwa kien gie misjub hati ta' reati b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definnitivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru 2001 fejn gie esebit certifikat tal-mewt peress li l-imputat miet fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara il-procediment bhala istint.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.